MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 53/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Brincat (ID no. 8661 (M)) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, fix-xhur ta’ Gunju 2011 u Lulju 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil martu Veronica Brincat u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Jannar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija sospiz ghal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9.
Ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ erba` mitt Ewro (€400) fi zmien xahar ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Jannar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata tat-18 ta’ Jannar, 2012 in kwantu sabet lill-esponent hati u kkundannatu “xahar prigunerija sospiz ghal sena art. 28A; tordna hlas ta’ €400 fi zmien xahar Art 28H Kap. 9” u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u htija, u f’kull kaz thassar il-piena inflitta u/jew tirriduci l-istess piena fis-sens u ghar-ragunijiet fuq esposti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li “Il-Qorti meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat”.

Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati la tghid il-fatti u lanqas ma ssemmi l-artikolu tal-ligi li fuqu sabet lill-esponent hati.

Kif gie ritenut f’gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta’ liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta’ x’hiex l-appellant gie

misjub hati, jew meta f'kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema mix-xewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla (Il-Pulizija vs Keith Pace : App. Krim. (JGD) 5.5.2005).

Huwa veru li fl-istess sentenza jinghad ukoll li meta s-sentenza tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat u allura f'dan il-kaz is-sentenza tigi salvata. Izda fil-kaz prezenti l-akkuza tirreferi kemm ghal disubbidjenza ta' ordni tal-Qorti, kemm ghal ksur kontrattwali, u ghan-nuqqas ta' hlas tal-manteniment kemm tal-mara kemm tal-ulied. Diga` gie rilevat supra li kien hemm kemm kuntratt ta' separazzjoni kemm digriet tal-Qorti u li l-mara intrabtet kontrattwalment li ma ghandha dritt ghal ebda manteniment ghalih. Ghalhekk, kien importanti li l-Qorti ticcara fuq liema fatti sabet lill-esponent hati.

Apparti dan, l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-artikolu tal-ligi li fuqu sabet lill-esponent hati. L-artikoli li jissemmew jirreferu ghal sentenza ta' prigunerija sospiza (artikolu 28A) u direttiva tal-Qorti ghar-restituzzjoni jew kumpens (artikolu 28H). Fil-verita` t-tnejn mhumiex applikabbli fil-kaz prezenti. Inoltre l-artikolu li jindika l-kontravvenzjoni li taghha l-esponent kien misjub hati ma jissemmiex.

Dan in-nuqqas huwa nuqqas ta' formalita` sostanzjali u jgib in-nullita` tas-sentenza.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu ukoll l-esponent kellu jinstab mhux hati. L-akkuza kif dedotta ma kienitx tissussisti. Kif diga` inghad il-mara irrinunzjat jew iddekadiet minn kull jedd ta' manteniment fil-konfront ta' l-esponent u ghalhekk in kwantu tirreferi ghaliha l-akkuza ma setghetx issir. Fir-rigward tal-minuri Christian Brincat kien gie miftiehem fil-kuntratt tas-separazzjoni awtorizzat mill-Qorti, li l-esponent ma jhallasx manteniment meta ma jkunx qed jahdem b'mod regolari. Jirrizulta li fix-xhur indikati fl-akkuza l-esponent kien il-habs u

konsegwentement ma setghax ikun qed jahdem regolarment. Ghall-ewwel tlett gimghat l-esponent baqa` jibghat il-hlas ta' €50 fil-gimgha permezz ta' huh, izda wara waqaf u rega` beda jhallas meta hareg mill-habs u rega` beda jahdem. Intant ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Familja biex tiddekreta s-sospenzjoni tal-pagamenti tal-mkanteniment matul iz-zmien li ghamel ma jahdimx. Dik il-Qorti ordnatlu jikkonferma t-talba tieghu bil-gurament, kif ghamel, izda sakemm inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ma kienx ghad hemm digriet finali.

L-esponent talab lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tistenna d-digriet finali tal-Qorti tal-Familja, billi l-esponent ma setghax jinstab hati f'dak l-istadju fuq xi haga li eventwalment il-Qorti tal-Familja setghet taghtih ragun. Anqas kien gust li jigi mgieghel ihallas meta kien ghad ghandu pretensjonijiet civili fir-rigward. L-ewwel Qorti pero` baqghet ghaddejja bil-kawza minkejja dan. B'hekk l-esponent gie kkundannat ukoll fuq fatti li ma kienux ghadhom decizi finalment mill-Qorti kompetenti biex tiddeciedihom.

F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-piena inflitta hija nulla u f'kull kaz fic-cirkostanzi partikolari, wahda eccessiva.

L-akkuza li tahtha tressaq l-esponent hija kontravvenzjoni u ghalhekk mhux applikabbli l-piena tal-prigunerija izda semmai dik tad-detenzjoni. F'dan ir-rigward ukoll, is-sentenza hija rregolari u ghandha tigi annullata.

Izda tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-piena ta' detenzjoni. Jekk il-kontravvenzjoni li tahtha l-esponent gie akkuzat hija wahda ta' ordni pubbliku, zgur li l-esponent ma jistax jinghad li ghamel ta' rasu u kiser l-ordni pubbliku. Huwa mexa fuq il-kuntratt tas-separazzjoni u talab ukoll il-konferma tal-Qorti Civili kompetenti. Meta r-raguni tas-sospensjoni tal-manteniment spiccat, minn jekku u minghajr indugji, rega` beda jhallas il-manteniment kif miftiehem. Dan kollu fih innifsu kellu jimmilita` favur l-

esponent, b'mod li tkun xi tkun il-fehma tal-Qorti tal-Magistrati, l-piena tad-detenzjoni ma kienitx l-aktar piena indikata fic-cirkostanzi.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti**

Mix-xhieda ta' Veronica Brincat jirriżulta li l-appellant kellu jagħtiha ħamsin Euro fil-ġimgħa għax-xhur ta' Ġunju u Lulju 2011. Dan huwa ammont (madwar erba' mitt Ewro) dovut bħala manteniment għal tifel bi bżonnijiet speċjali. Hija xehdet ukoll li kienet fetħitlu kawża għall-manteniment wara li kien qabad jaħdem. Meta l-appellant kien mar il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin ma kienx ħallasha. Huwa ma kienx tilef l-impieg għax xorta kien hemm ħadd ieħor qed iħaddem il-kjosk waqt li huwa kien fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin..

Mix-xhieda ta' Joseph Brincat jirriżulta li huwa kien ta l-manteniment għat-tifel fl-ewwel tlitt ġimgħat u imbagħad ma setax jagħtiha aktar flus. Huwa nnega li kien hemm xi attivita; ta' xogħol miexja xorta waħda.

Fil-kontro-eżami l-appellant qal li kien jaf li kien hemm ordni tal-Qorti biex iħallasha kull erba' ġimgħat. Żied jgħid li ma kienx ta l-ammont dovut għax kien il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u ma kienx qed jaħdem.

**L-Aggravji**

L-ewwel aggravju huwa dwar jekk is-sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 2012 hix valida jew le.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti r-raġuni magħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija ċara fis-sentenza dattilografata li hija ppreżentata fil-proċess a fol 22:

‘Illi mill-provi prodotti f’din il-kawża, irriżulta ampjament lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat effettivament naqas milli jħallas lil martu l-manteniment għall-perjodu indikat.’

Lanqas ma hemm nuqqas f’din is-sentenza għaliex fiċ-ċitazzjoni hemm alternattiva. Iċ-itazzjoni tirroproduċi kelma, b’kelma l-kontravenzjoni 338 (z) kif inhi fil-Kap 9 u jkun biżżejjed li l-Qorti tal-Maġistrati tiddeċiedi jekk kienx hemm il-ħlas dovut jew le. Isegwi li fis-sentenza hemm ċar ta’ xhiex instab ħati l-appellant u għall-fini ta’ piena m’hemm ebda differenza.

L-appellant jissottometti wkoll li mhux imsemmi l-artikolu tal-Liġi. Iżda l-Qorti dan semmietu fis-sentenza dattilografata – fejn issemmi kemm l-artikolu 338(z) kif ukoll l-artikolu 18 għax hemm aktar min-nuqqas wieħed.

Għalhekkil-Qorti ma qed issib ebda nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali fis-sentenza u konsegwentement qed tiċħad kull parti tal-ewwel aggravju.

**It-tieni Aggravju – Il-mertu**

Quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellant xehed li hu ma keinx ħallas il-manteniment dovut lil ibnu minħabba li ma keinx qed jaħdem. Fl-istess ħin huwa qal li kien jaf li kien hemm l-ordni ta’ manteniment.

Ġaladarba kien hemm l-ordni tal-manteniment, dan ried jimxi miegħu ukoll jekk kellu pretenzjonijiet oħra x’jiġu likwidati. L-ordni tal-Qorti trid tkun segwita **ad litteram** sakemm din tinbidel u mhxu wieħed jaqbad u ma jħallasx għax jgħid li mhxu qed jaħdem jew lil qiegħef fil-faċilita’ korrettiva ta’ Kordin jew għaliex għandu xi pretenzjonijiet li jridu jiġu likwidati.

*L-ordnijiet ta' manteniment u ta' aċċess huma serjissimi u fi Qrati Barranin jitqiesu bħala 'contempt of court' u jistgħu jwasslu biex wieħed ikun ikkundannat perjodu t'a priġunerija.*

*Il-Qorti tal-Maġistrati ma kellha ebda obbligu li tistenna l-eżitu ta' proċeduri oħrajn.*

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.**

**It-tielet Aggravju - il-piena.**

L-artikolu 338(z) huwa ta' natura kontravenzjonali.

Iċ-ċitazzjoni tindika li dan l-artikolu inkiser aktar minn darba għax jissemmew 'ix-xhur ta' Ġunju 2011 u Lulju 2011' waqt li ċ-ċitazzjoni tgħid hekk:

'meta b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda..'

Dan ifisser li japplika artikolu 18 li permezz tiegħu
'il-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi.'

Skont l-artikolu 31(ġ) tal-Kap 9:

'It-tlugħ mill-pieni stabbilit għall-kontravenzjonijiet isir għall-pieni tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur.'

Għalhekk il-Qorti, ġaladarba kien japplika l-artikolu 18, xorta setgħet tikkundanna għal xahar priġunerija li għandu jibqa' sospiż għal sena.

Madanakollu, il-Qorti ser tilqa' dan l-aggravju in parte stante dak li jidher hawn taht u ghalhekk il-Qorti ser tibdel il-piena.

Fil-mori tal-proceduri tal-appell, l-appellant hallas l- Ewro 400 li kienu dovuti skont cheque number 0023192249340010944161.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti qed tiċħad l-ewwel zewg aggravji, qed tilqa' t-tielet wiehed in parte galadarba sar il-hlas dovut u ghalhekk waqt li qed tikkonferma s-sentenza moghtija fit-18 ta' Jannar 2012 fl-ismijiet premessi fejn sabet lill-appellant hati qed tibdel u tirrevoka dik il-parti fejn l-appellant kien ikkundannat ghal piena ta' xahar prigunerija sospiza ghal sena u minflok qed tikkundannah ihallas amenda ta' €58.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------